# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1307/2008

## tad-19 ta' Diċembru 2008

## li jiffissa l-prezzijiet ta' referenza għal ċerti prodotti tas-sajd għas-sena tas-sajd 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 jistabbilixxi illi l-prezzijiet ta' referenza validi għall-Komunità jistgħu jiġu ffissati kull sena, skont il-kategorija ta' prodotti, għall-prodotti li huma s-suġġett ta' sospensjoni tat-tariffa skont l-Artikolu 28(1). L-istess jgħodd għal prodotti li, billi jkunu jew soġġetti għal tnaqqis tariffarju li jorbot taħt it-WTO jew xi arranġamenti preferenzjali oħra, għandhom jikkonformaw ma' prezz ta' referenza.

(2) Skont l-Artikolu 29(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' referenza għall-prodotti elenkati fl-Anness I, il-Partijiet (A) u (B) ta' dak ir-Regolament, għandu jkun l-istess bħall-prezz ta' rtirar, stabbilit skont l-Artikolu 20(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-prezzijiet Komunitarji tal-irtirar għall-prodotti konċernati huma stabbiliti għas-sena tas-sajd 2009 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1309/2008 ([2]).

(4) F'konformità mal-Artikolu 29(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' referenza għall-prodotti minbarra dawk elenkati fl-Annessi I u II għal dak ir-Regolament għandu jiġi stabbilit b'mod partikolari fuq il-bażi tal-medja aġġustata tal-valuri tad-dwana rreġistrati fis-swieq tal-importazzjoni jew fil-portijiet tal-importazzjoni fit-tliet snin immedjatament qabel id-data li fiha jiġi stabbilit il-prezz ta' referenza.

(5) Ma hemmx ħtieġa li jiġu stabbiliti l-prezzijiet ta' referenza għal dawk il-prodotti koperti mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 li jiġu importati minn pajjiżi terzi fi kwantitajiet insinifikanti.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet ta' referenza għas-sena ta' sajd 2009 tal-prodotti tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

([2]) Ara paġna 42 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*ANNESS* [1]

1. Prezzijiet ta' referenza għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 29(3)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000

| Speċi | Daqs [1] | Prezz ta' referenza (EUR/tunnellata) | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Imnaddaf bir-ras [1] | | Ħut sħiħ [1] | |
| | | Kodiċi Taric addizzjonali | Extra, A [1] | Kodiċi Taric addizzjonali | Extra, A [1] |
| Aringa tal-ispeċi<br>*Clupea harengus*<br>ex 0302 40 00 | 1 | | — | F011 | 132 |
| | 2 | | — | F012 | 202 |
| | 3 | | — | F013 | 191 |
| | 4a | | — | F016 | 121 |
| | 4b | | — | F017 | 121 |
| | 4c | | — | F018 | 253 |
| | 5 | | — | F015 | 225 |
| | 6 | | — | F019 | 112 |
| | 7a | | — | F025 | 112 |
| | 7b | | — | F026 | 101 |
| | 8 | | — | F027 | 84 |
| Redfish<br>(*Sebastes* spp.)<br>ex 0302 69 31 u<br>ex 0302 69 33 | 1 | | — | F067 | 972 |
| | 2 | | — | F068 | 972 |
| | 3 | | — | F069 | 816 |
| Merluzz tal-ispeċi<br>*Gadus morhua*<br>ex 0302 50 10 | 1 | F073 | 1 192 | F083 | 861 |
| | 2 | F074 | 1 192 | F084 | 861 |
| | 3 | F075 | 1 125 | F085 | 662 |
| | 4 | F076 | 894 | F086 | 497 |
| | 5 | F077 | 629 | F087 | 364 |
| | | Mgħolli fl-ilma | | Frisk jew imkessaħ | |
| | | Kodiċi Taric addizzjonali | Extra, A [1] | Kodiċi Taric addizzjonali | Extra, A [1] |
| Gambli tal-ilma fond<br>*Pandalus borealis*<br>ex 0306 23 10 | 1 | F317 | 5 035 | F321 | 1 103 |
| | 2 | F318 | 1 766 | — | — |

[1] Il-kategoriji ta' freskezza, tad-daqs u tal-preżentazzjoni huma dawk stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

[1] Il-kodiċi addizzjonali li għandu jissemma għall-kategoriji kollha għajr dawk espliċitament imsemmija fil-punti 1 u 2 tal-Anness huwa "F499: Oħrajn".

2. Prezzijiet ta' referenza għall-prodotti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 29(3)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000

| Prodott | Kodiċi Taric addizzjonali | Preżentazzjoni | Prezz ta' referenza (EUR/tunnellata) |
|---|---|---|---|
| 1. Redfish (*Sebastes* spp.) | | | |
| | | Shih: | |
| ex 0303 79 35<br>ex 0303 79 37 | F411 | — bir-ras jew mingħajrha | 941 |
| ex 0304 29 35<br>ex 0304 29 39 | | Fletti: | |
| | F412 | — bix-xewk ("standard") | 1 914 |
| | F413 | — bla xewk | 2 137 |
| | F414 | — blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg | 2 239 |
| 2. Cod<br>Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac* u *Gadus macrocephalus*) u ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida* | | | |
| ex 0303 52 10, ex 0303 52 30, ex 0303 52 90, ex 0303 79 41 | F416 | Shah, bir-ras jew mingħajrha | 1 095 |
| ex 0304 29 29 | | Fletti: | |
| | F417 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard") | 2 501 |
| | F418 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk | 2 717 |
| | F419 | — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda | 2 550 |
| | F420 | — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda | 2 943 |
| | F421 | — blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg | 2 903 |
| ex 0304 99 33 | F422 | Biċċiet u laħam ieħor, minbarra blokok kapuljati | 1 463 |
| 3. Pollakkju (*Pollachius virens*) | | | |
| ex 0304 29 31 | | Fletti: | |
| | F424 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard") | 1 518 |
| | F425 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk | 1 722 |
| | F426 | — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda | 1 476 |
| | F427 | — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda | 1 646 |
| | F428 | — blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg | 1 786 |
| ex 0304 99 41 | F429 | Biċċiet u laħam ieħor, minbarra blokok kapuljati | 986 |

| Prodott | Kodiċi Taric addizzjonali | Preżentazzjoni | Prezz ta’ referenza (EUR/tunnellata) |
|---|---|---|---|
| 4. Haddock (*Melanogrammus aeglefinus*) | | | |
| ex 0304 29 33 | | Fletti: | |
| | F431 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk (“standard”) | 2 264 |
| | F432 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk | 2 606 |
| | F433 | — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda | 2 537 |
| | F434 | — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda | 2 710 |
| | F435 | — blokok f’imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg | 2 960 |
| 5. Pollakkju tal-Alaska *(Theragra chalcogramma)* | | | |
| | | Fletti: | |
| ex 0304 29 85 | F441 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk (“standard”) | 1 147 |
| | F442 | — fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk | 1 324 |
| 6. Aringi *Clupea harengus, Clupea pallasii)* | | | |
| | | Ġnub tal-aringi | |
| ex 0304 19 97<br>ex 0304 99 23 | F450 | — ta’ aktar minn 80g l-biċċa | 510 |
| | F450 | — ta’ aktar minn 80g l-biċċa | 464 |